**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**SEDUTA TAD-DISTRETT TAS-SLIEMA**

Illum, 18 ta' Diċembru 2024

Każ Numru: 119/2024

**IL-PULIZIJA**
**--vs--**
**Natasha Zammit**
(Detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 254891M)

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata, **Natasha Zammit,** bint Christopher Pace u Fiona Maria Pace nee Caruana, imwielda fl-14 ta' Mejju 1991 fil-Pieta', residenti 166, Seabreeze, P/H 9, Dawret It-Tunnara, Mellieħa u detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 254891M, akkużata talli bejn it-13 ta' Lulju 2017 u t-30 ta' Marzu 2019 ġewwa r-residenza 61, Shalom, Triq Nazju Ellul, Gżira, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda (Art. 18 Kap.9):

"...

1. *Mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li għandek, ġegħelt bl-awtorita tiegħek innifsek lil Maria Aquilina, Justin*

*Aquilina, u Angelo Aquilina tħallas dejn jew tesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil Maria Aquilina, Justin Aquilina, u Angelo Aquilina fil-pussess ta' ħwejjiġha b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indħalt fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor. Art.85(1) Kap.9*

2. *Volontarjament ħassart jew għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli. Art.325 Kap.9"*

Rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna/i offiża/i jew għaż-żamma tal-ordni pubblika jew ghal-iskop ta' protezzjoni tal-persuna/i msemmija u l-familjari tagħhom, toħrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat/a u/jew sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna/i offiża/i u l-familjari tagħhom skont l-Artikoli 383 u 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-prosekuzzjoni ppreżentat akkużi ġodda waqt is-seduta tal-4 ta' Marzu 2024, liema akkużi ġew notifikati lill-imputata nhar l-1 ta' Frar 2024, u sussegwentement dawn ġew korretti permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru 2024.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti-proċesswali.

Semgħet t-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**A. Fatti tal-każ**

Illi dan il-każ jittratta kwistjoni bejn ġirien li għandhom appartamenti (maisonette u penthouse) ġo l-istess blokka ta' appartamenti f'Tas-Sliema, fejn il-parti leża kienet marret l-għassa u allegat li saru xi ħsarat fl-appartament tagħha mill-imputata li hija s-sid tal-penthouse. Din il-ħsara saret waqt żvilupp li sar fl-imsemmija penthouse sabiex imbena sular ieħor.

Skont affidavit tas-Surġent tal-Pulizija bin-numru WPS 256 L. Sant, li rċeviet rapport fit-30 ta' Marzu 2019, il-parti leża lmentat li kienet ilha tħossha preġudikata bl-aġir tal-parti leża mit-13 ta' Lulju 2017. Hija pero dak inhar tar-rapport semmiet li l-imputata kienet ċaqalqet xi kanen u riżultat ta' dan kien ċarċar xi ilma mal-ħajt tagħha. Mil-provi prodotti jirriżulta li hija kienet qed tagħmel referenza għal ħajt tal-bitħa interna fil-blokka ta' appartamenti konċernata. Fit-tieni lok, dejjem skont l-imsemmi affidavit, il-parti leża tallega ukoll li kienet spiċċat bla

provvista ta' ilma. It-tielet ilment jirrigwarda ħsara li saret mill-imputata meta waħħlet xi msiemer mal-ħajt tal-appartament tagħha, u dan mingħajr il-permess tagħha.

Sussegwentement l-imputata kienet ġiet mitluba tmur l-għassa fejn hija qalet lill-Pulizija li kienet diġa' ftehmet mal-parti leża li l-ħsarat kienu se jissewwew propju l-għada. Il-Pulizija madanakollu mexxiet b'dawn il-proċeduri.

Mil-verbal tal-ewwel seduta jirriżulta ukoll li l-imputata kellha tindirizza xi lmenti li kienet għamlet lill-parti leża sas-seduta sussegwenti, fejn imbagħad għadda perjodu twil ta' żmien anke kawża tal-pandemija tal-COVID 19. Biss fit-23 ta' Settembru 2020 li 'l-kawża ssoktat u l-prosekuzzjoni kienet mexxiet bil-provi qabel reġa kien hemm numru ta' seduti fejn ma sar xejn fil mertu.

Jirriżulta li permezz ta' nota (folio 5) Angelo Aquilina, Justin Aquilina kif ukoll il parti leża ġia msemmija hawn fuq Maria Aquilina, ikkostitwew ruħhom bħala partijiet ċivile f'dawn il-proċeduri.

Jirriżulta ukoll mill provi allegazzjonijiet oħra ta' mġieba li din il-Qorti sejra tanalizza dejjem fil-konfini tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata.

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputata tiġi ddikjarat ħatja, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raġuni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

2. **L-Ewwel Imputazzjoni :** "*1. Mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li għandek, ġegħelt bl-awtorita tiegħek innifsek lil Maria Aquilina, Justin Aquilina, u Angelo Aquilina tħallas dejn jew tesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil Maria Aquilina, Justin Aquilina, u Angelo Aquilina fil-pussess ta' ħwejjiġha b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indħalt fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor. Art.85(1) Kap.9"*

   Din l-imputazzjoni issib il-bażi tagħha fl-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid:

   *"85.(1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta'ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija minn xahar sa tliet xhur..."*

Illi din l-akkuza hija dik mgħarufa bħala 'raggion fattasi'. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ta' nhar it-22 t' April 1961, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Antonia Cremona**, qalet li:

*"Id-disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' "raggion fattasi", hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet, ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dik tat-tribunal, meta jista jirrikorri lejhom. Hiex gusta jew le l-pretenzjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh, jezercita dawk d-drittijiet li hu jippretendi li ghandu."*

L-elementi ta' dan r-reat huma stabbiliti fil-ġurisprudenza nostrana (ara sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' Diċembru 1957 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Salvu Farrugia** u tad-29 ta' Lulju 1976 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Francis Bonnici)** bħala:

i. Att estern li jispolja lil xi ħaddieħor minn ħaġa li jkun qed igawdi, u li jkun ezegwit kontra l-oppożizzjoni espressa jew presunta ta' dan l-ħaddieħor;
ii. Il-kredenza li l-att qed isir b'eżerċizzju tad-dritt;
iii. Il-kuxjenza fl-agent li hu qed jagħmel di *privato braccio* dak li jmissu isir permezz ta' l-awtorita pubblika;
iv. In-nuqqas ta' titolu li jrendi l-fatt aktar gravi.

Il-Qorti qieset ix-xhieda ta' Charles Muscat fejn dan isostni li huwa kien involut bħala project manager dwar il-kostruzzjoni li saret fis-sit in kwistjoni minn Mejju sa Ottubru tal-2017. Sostna li hu kien involut fil-construction stage u qabel irriżenja, jiġifieri f' Ottubru tal-2017, il-kostruzzjoni tal-appartament fuq l-arja kienet tlestiet. Huwa jsostni li f'dan il-perjodu qatt ma kellhom ilmenti minn ħadd. Huwa jsostni wkoll li meta kellmuh il-pulizija huwa kien diġà lesta mill-kostruzzjoni u irriżenja mir-rwol tiegħu. Isostni li kien kellmu s-Surġent tal-Pulizija Ambrogio imma dan ġara wara li lesta ix-xogħlijiet. Waqt ix-xhieda tiegħu l-eks Surġent tal-Pulizija Raymond Ambrogio, filwaqt li jiftakar li kien bagħat għal Charles Muscat, ma jiftakarx x'kien saqsieh jew x'kien irriżulta mill-investigazzjoni tiegħu. Dwar meta tkellem miegħu, l-unika data li l-eks Surġent kien kapaċi jistabbilixxi kienet Marzu tal-2019 peress li imbagħad wara din id-data ma baqgħax jifforma parti mill-Korp tal-Pulizija.

Angelo Aquilina xehed fit-23 ta' Settembru 2020 u filwaqt li għamel allegazzjonijiet ulterjuri għal dawk imsemmija fl-affidavit tas-Surġent tal-Pulizija bin-numru WPS 256 L. Sant, li l-Qorti se tieħu konjizzjoni tagħhom aktar l-isfel, ippreżenta bil-ġurament kemm kuntratt tal-appartament tiegħu kif ukoll kuntratt tal-appartament tal-imputata

flimkien ma numru ta' ritratti. Il-Qorti tinnota li f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ma esebietx ir-rapport tal-Pulizija komunement riferut bħala l-NPS report tal-każ.

Interruzzjoni fil-provvista tal-ilma mit-tank stallat fuq il-bejt

Issa Angelo Aquilina lmenta li huwa għandu tank tal-ilma fuq il-bejt u għal xi sitt darbiet dan l-ilma ingħalaq mingħajr il-permess tagħhom u mingħajr ma ġew avżati. Jgħid li kull darba jagħmlu xi ġurnata bla ilma. Maria Aquilina tikkonferma li hija kienet tkun qed taħsel il-ħwejjeġ u tinduna li qiegħda bla ilma peress li l-Washing Machine tagħmel ħoss partikolari u ma taħsilx.

Charles Muscat isostni li kien hu li qala u mexxa t-tankijiet tal-ilma, u qabel ma għamel dan huwa ħalla nota ma' kulħadd, jiġifieri mal-inkwilini kollha li kien se jressaq it-tankijiet tal-ilma. Muscat ma jispeċifikax fejn ressaq it-tankijiet, jekk dawn ittellawx fuq l-appartament li nbena u lanqas jindika kemm il-darba it-tankijiet tressqu.

Il-partijiet leża ma jindikawx meta seħħew l-interruzzjonijiet tal-ilma allegati. Jingħad dwar l-interruzzjoni li din saret bi preavviż skont kif iddikjarat mix-xhud Muscat. Din kienet ukoll meħtieġa biex setgħu isiru x-xogħlijiet u kienet temporanja.

Din il-Qorti apparti l-fatt li għandha d-dubbji tagħha dwar l-ewwel element tar-reat tar-raggion fattasi, l-element fattwali, se tgħaddi biex tevalwa t-tielet element peress li jidher li dan huwa nieqes.

Dwar it-tielet element, ossia il-kuxjenza fl-agent li hu qed jagħmel di privato braccio dak li jmissu isir permezz ta' l-awtorita pubblika, il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. John Dimech*** deċiża fl- 24 ta' Ġunju 1961 fejn ġie ritenut:

*"...id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu."*

Minbarra l-element fattwali tar-reat, wieħed irid iħares lejn l-intenzjoni tal-imputata. Hija trid tkun għamlet di braccio privato dak li misset għamlet permezz tal-awtorita

pubblika. Mil provi prodotti jirriżulta li l-imputata ma kelliex dubbju li hija kienet awtorizzata temporanjament tiskonnettja l-ilma sakemm tmexxew it-tankijiet. Dan jikkonfermah Charles Muscat meta jgħid li huwa ħalla nota, u mhux talab il-permess, lill-inkwilini kollha li kien se jċaqlaq it-tankijiet. Dan l-imputata għamlitu abbażi tad-dritt li hija mmanifestat esternament, ċioe l-iżvilupp ta' l-arja, u d-dritt li joħroġ mill-kuntratti ta' akkwist tal appartament u penthouse li mal-iżvilupp it-tankijiet jiċċaqalqu minn fuq il-bejt oriġinali għal fuq il-bejt tal-propjeta hekk ulterjorment żviluppata.

Għaldaqstant peress li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova kemm il-darba ġie interrott l-ilma u d-dati ta' meta dan seħħ, kif ukoll peress li t-tielet element tar-reat ma jirriżultax mhix se ssib l-imputata ħatja ta' din l-ewwel imputazzjoni fir rigward ta' l-interruzzjoni tal-ilma u ċ-ċaqlieq tat tank tal-ilma.

Interruzzjoni fil-provvista tal-ilma mis-Solar Water Heater

Angelo Aquilina jsostni wkoll illi l-imputata jew il-ħaddiema tagħha qalaw is-solar water heater qabel bdew ix-xogħlijiet u meta lestew ma reġgħux ikkonnettjawh (ritratti folio 110 sa 113). Maria Aquilina waqt ix-xhieda tagħha pero tikkonferma li huma kienu ikkoperaw u kienu huma stess li skonnettjaw is-solar water heater.

Il-Qorti tqis li Charles Muscat jikkonferma li kien ressaq is-solar water heater u t-tankijiet tal-ilma hu, u li qatt ma kellu lmenti. Jikkonferma fil-fatt li s-solar water heater kien diġà disconnected meta huwa ressqu. Fil-fatt Marija Aquilina u Justin Aquilina, flimkien mal- imputata kienu iffirmaw dokument (folio 160) fejn l-imputata obbligat ruħha li terġa twaħħal is-solar water heater, u jekk ikun imblukkat dan għandu jinbidel.

Ix-xhud Angelo Aquilina, kkonfrontat bil fatt li ma kellux permess biex ipoġġi s-solar water heater fuq il-bejt ta' imputata, jsostni li dan kien tpoġġa hemm bil-kunsens tas-sidien preċedenti. Jikkonferma ukoll li 'l-water heater skonnettjaħ minn mad-dawl hu stess wara li ġie avżat li kien se jinqala' u dan għamlu biex ma jkunx hemm periklu għall-ħaddiema.

Il-Qorti tqis li kienu l-partijiet ċivili stess li qataw l-aċċess tal-ilma (sħun) u għalkemm abbażi tad-dokument folio 160 jista jkun li ġew krejati ċerta obbligi u drittijiet, dawn

m'humiex ta' kompetenza ta' din il-Qorti fi proċeduri kriminali, għaldaqstant mhix se tqis din iċ-ċirkostanza partikolari ulterjorment għal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni.

Interruzzjoni tas-servizz tat-Television

Kemm Angelo Aquilina kif ukoll Maria Aquilina fix-xhieda tagħhom ilmentaw illi anke kien jiġi maqlugħ l-arial u nterrott is-servizz tat-television (ara ritratti folio 101). Charles Muscat, mistoqsi dwar l-aerial, jikkonferma li kien qala aerial, imma dan kien qabbad xi nies biex reġa' twaħħal immedjatament. Justin Aquilina ukoll jikkonferma li kien jinqata s-servizz tat-television u jippreżenta ritratt immarkat bin-numru 19 (folio 229) simili ħafna għal dak ippreżentat mil-konjugi Aquilina, u li jindika d-data tal-5 ta' April 2019. Peress li din id-data ma tinkwadrax fil-perjodu li tinsab akkużata bih l-imputata, u peress li tqanqal id-dubbju li l-interruzzjoni mingħajr permess tal-partijiet leża saret wara d-data tal-akkużi, din il-Qorti tqis li dan l-avveniment ma jinkwadrax fil-konfini ta' din l-ewwel imputazzjoni u mhix se ssib ħtija fl-imputata dwar din il-ġrajja.

Ftugħ ta' twieqi jagħtu fuq il-propjetà tal-partijiet leża

Il-partijiet leża Angelo u Maria Aquilina fix-xhieda tagħhom ilmentaw li nfetħu żewġt itwieqi għal fuq il-propjetà tagħhom mingħajr permess (ara folio 114 sa 116). Dan jikkonfermah Justin Aquilina, li jiġi iben il-partijiet leża l-oħra konjuġi Aquilina, li għamel referenza għal xi ritratti li ħa hu stess u li ppreżenta fl-atti (folio 222 u 223). Dan tal-aħħar jikkonferma li qabel ma saret il-kostruzzjoni li minħabba fiha sar rapport li wassal għal dawn il-proċeduri, dawn it-twieqi ma kienux jeżistu. Hu jsostni li t-twieqi li ġew iħarsu fuq is-shaft tal-propjeta tal-partijiet leża tfaċċaw fi żmien relattivament qasir.

Il-Qorti se tgħaddi biex tanalizza jekk jissussitux l-elementi msemmija hawn fuq għar-reat kontemplat fl-artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9.

Dwar l-ewwel element, jiġifieri l-att estern li jispolja lil xi ħaddieħor minn ħaġa li jkun qed igawdi, u li jkun eżegwit kontra l-oppożizzjoni espressa jew presunta ta' dan l-ħaddieħor, il-Qorti tagħmel referenza għall sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ***Il-Pulizija vs. John Vassallo*** tat-22 ta' Marzu 1991 preseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi fejn ġie ritenut illi:

*"Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati."*

M'huwiex kontestat il-fatt li l-imputata żviluppat il-propjetà sovrastanti l-blokka ta' appartamenti in kwistjoni fejn il-partijiet leżi għandhom il-pussess tal-appartament fit-terran, u fil proċess hija fetħet żewġt itwieqi li jagħtu fuq il-bitħa interna tal-partijiet leżi li ħassewhom preġudikati u fil-fatt wassalhom biex irrappurtaw dan l-aġir lill-Pulizija. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għal-kopja ta' ittra uffiċjali kif ukoll risposta tad-difiża preżentata minn Angelo Aquilina (folio 123 sa 126).

Fil-każ in kwistjoni jidher li l-partijiet leża kellhom l-impressjoni li għandhom l-arja sovrastanti l-bitħa interna tagħhom. Angelo Aquilina meta kkonfrontat bil-kuntratt ta' akkwist tiegħu fejn jingħad li l-appartament qiegħed jinbiegħ mingħajr l-arja relattiva tiegħu, jsostni li l-aria tal-bitħa ma jista' jinterrompiha ħadd.

Jingħad li għalkemm Angelo Aquilina ippreżenta kopji tal-kuntratti ta' akkwist kemm tiegħu kif ukoll tal-imputata, din il-Qorti issostni, in linea mal-ġurisprudenza nostrana li għandha tħares lejn il-pussess fattwali, u mhux lejn dak legali. Fl-ambitu tal-proċeduri kriminali odjerni, m'għandhiex issir interpretazzjoni ta' kuntratti. Dak mertu ta' proċeduri ċivili, li l-partijiet huma liberi li jistitwixxi fi kwalunkwe ħin.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-ewwel element jissussiti. Il-Qorti se tgħaddi biex tikkunsidra it-tieni element tar-reat tar-raġġon fattasi, ċioé il-kredenza li l-att qed isir b'eżerċizzju tad-dritt. L-imputata fix-xhieda tagħha b'referenza għal-iżvilupp inkluż it-twieqi tikkonferma li *"I went through the purchase contract and it seems that everything was fine"*. Hija fil-fatt mexxiet bl-iżvilupp. Dan l-element ukoll jirriżulta sodisfatt.

Dwar it-tielet element, ossia il-kuxjenza fl-agent li hu qed jagħmel di privato braccio dak li jmissu isir permezz ta' l-awtorita pubblika, il-Qorti diġa għamlet referenza u ċċitat mis-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. John Dimech*** deċiża fl- 24 ta' Ġunju 1961. Minn hawn joħroġ illil-artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 huwa ntiż sabiex "*il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom.*"

Issa hawnhekk wieħed irid jara mhux jekk l-imputata għamlitx l-att iżda jekk emmnitx li hija b'dak l-att għamlet dak li kellha tagħmel permezz ta' l-awtorita pubblika. Dan ifisser li l-Qorti trid tara kif mexxiet l-imputata fiż-żmien preċedenti biex tasal għal konklużjoni jekk hi kienitx qed tieħu f'idejha dak li missu sar permezz ta' xi awtorita kompetenti. Atti li jistgħu jindikaw dan l-għarfien da parte tal-imputata huwa kieku l-imputata talbet xi forma ta' permess mingħand il-partijiet leża biex tipproċedi bl-iżvilupp. Mil-provi prodotti ma hemm xejn li jindika dan l-għarfien.

Ovvjament il-Qorti ħarset lejn ix-xhieda ta' l-imputata fejn jingħad hekk:

*"Dr R Spiteri: Now I am going to be taking you to the actual development. Would I be correct to suggest that the new development that you commissioned to be constructed from your end consists of certain windows which were in fact overlooking Mr and Mrs Aquilina's property, so overlooking the shaft?*

*Xhud: Yes. The new penthouse no. 18 has windows in the kitchen and of course it overlooks the shaft if you look down*

*Dr R Spiteri: So your contract of purchase, where you purchased even the airspace, what does it state in relation to the increase and the additional of new servitudes?*

*Xhud: I have to refer.*

*Dr R Spiteri: Can I see your contract Of purchase so that I can ...*

*Xhud: I do not know which number it is.*

*Qorti: Are you aware whether servitudes are catered for?*

*Xhud: I believe so.*

*Qorti: You believe so but you are not sure. You do not recall going over this issue of the servitude created by the erection of windows?*

*Xhud: I remember them complaining about it however I do remember going through the contract a few years back to see.*

*Qorti: Do you recall this issue whether it was discussed?*

*Xhud: Yes. I went through the purchase contract and it seems that everything was fine in the contract. I found it here. It says, "The roof and airspace are being transferred and also included with the said penthouse."*

*Dr R Spiteri: Then there is written, I am going to take you to fol 76, "The airspace of the block shall be transferred to the purchaser ... has the right in her favour of the ... further storeys or residential units when the required permits are issued. Further the roof owner shall have the right to extend common parts and services of the said block when and .... Residential units are built. The roof owner or its successors entitle under take the transfer of all existing rights the ... enjoys over the said roof on the airspace " So if you know how to answer if you tell me you do not know you do not know. I am going to make reference to fol 76, page 8 of your contract. Would I be correct to say that there is no mention of the installation of new apertures or windows and there is only reference to services? It is black on white. If you do not know how to answer, do not worry.*

*Xhud: I do recall it does not say windows however if the airspace is included then you have to build an apartment, a penthouse, obviously you have to have windows in a penthouse because it is not legal.*

*Dr R Spiteri: There are certain windows you have to do.*

*Xhud: They are minute windows. Even if I had to took at Angelo and Maria's place I would not even see. I would fall off. cannot bend that far down. It makes no sense this point."*

Mix-xhieda tagħha jirriżulta li l-imputata, avolja kienu għaddew numru ta' snin, ftakret li kienet rat il-kuntratt, u għalkemm tgħid li kollox kien sew, tammetti li tiftakar li l-kuntratt ma jsemmix twieqi. Din hija ndikazzjoni ċara li hi kienet taf b'din il-problema, u flok irrikorriet fil-Qorti għal soluzzjoni, hija ħadet ir-riedni f'idejha u mexxiet bl-iżvilupp u bit-twieqi mertu ta' l-ilment tal-partijiet leża.

Il-Qorti mhix se tidħol fil-fond dwar ir-raba element, ċioé in-nuqqas ta' titolu li jrendi l-fatt aktar gravi, peress li dan jinvolvi interpretazzjoni ta' kuntratti u kwistjonijiet kontenzjużi bejn il-partijiet li mhuwiex kompitu ta' din il-Qorti fil-kompetenza tagħha kriminali. Dan qed jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li l-kuntratti esebiti m'humiex kopji awtentiċi, u allura ma jikkostitwixxux la l-aħjar prova, u lanqas ma jagħtu s-serħan tal-moħħ lill-Qorti dwar l-awtentiċità tagħhom.

Il-Qorti għalhekk tqis li bl-iżvilupp u l-ftugħ tat-twieqi l-imputata esponiet ruħha għal imputazzjonijiet odjerni, u peress li dawn ġew ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi, se tkun qed issib lill-imputata ħatja għal-ewwel imputazzjoni.

**Għaldaqstant din il-Qorti se tkun qed issib l-imputata ħatja ta' din l-imputazzjoni.**

3. **It-Tieni Imputazzjoni :** "2. *Volontarjament ħassart jew għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli. Art.325 Kap.9"*

Danni dwar il-katusa

Angelo Aquilina bil-ġurament jgħid li għal Marzu tal-2019 l-imputata, jew aħjar il-ħaddiema li kienu qed jaħdmu fuq ordnijiet tagħha kissru katusa tad-drenaġġ li kienet ġejja minn fuq il-bejt u beda nieżel id-drenaġġ għal għandu, u xxarrab il-ħajt kollu. Angelo Aquilina ppreżenta ritratti prova ta' dan (folio 92 u 93). Il-Qorti sejra tqis jekk il-ħsara fil-katusa tistgħax tiġi attribwita lill-imputata.

Mistoqsi direttament jekk kienx hemm xi katusa li nkisret, Charles Muscat isostni li qatt ma kellhom ilment ta' dan it-tip. Il-Qorti m'għandiex raġuni tiddubita minn dan ix-xhud. Il-Qorti tqis ukoll li wara Ottubru tal-2017 tkomplew ix-xogħlijiet u kien propju hawn skont il-partijiet leża li beda l-inkwiet tagħhom. Huma jgħidu li sa meta kien hemm Muscat, dejjem waslu għal kompromess. Il-konjugi Aquilina ma jsemmux meta seħħew il-ħsarat fuq il-katusa.

Justin Aquilina, b'referenza għal ritratt li juri l-katusa li ppreżenta hu stess (ara ritratt 14c u 14d folio 227) u li jġibu d-data tal-11 ta' Frar 2019, liema ritratti jidhru li huma tal-istess katusa msemmija minn Maria Aquilina (ritratt folio 94 u 95) jgħid li din issewwiet mill-partijiet ċivile, spejjeż tagħhom, u qatt ma rkupraw l-ispiża nkorsa. Il-Qorti m'għandiex prova ċara dwar meta seħħet il-ħsara biss din il-Qorti hija konvinta li l-ħsara fuq il-katusa seħħet waqt ix-xogħlijiet li saru fuq ordni tal-imputata. Il-fatt li skont Angelo Aquilina l-imputata sewwiet il-katusa tad-drenaġġ wara jumejn ikompli jsaħħaħ din it-teżi. L-imputata ukoll tikkonferma fix-xhieda tagħha li hija sewwiet il-katusa in kwistjoni. Ix-xhieda ta' Justin Aquilina li jgħid li din il-katusa ssewwiet mill-

partijiet lesi tistona mal-kumplament tax-xhieda, u l-Qorti se tiskarta peress li hija aktar konvinta bil verżjoni ta' Angelo Aquilina u tal-imputata stess. Għalkemm il-Qorti hija konvinta li din il-ħsara seħħet bejn Ottubru tal-2017, meta tlestew ix-xogħlijiet li kien qed jikkordina Charles Muscat, u l-11 ta' Frar 2019 meta ttieħdu r-ritratti minn Justin Aquilina, ma jirriżultalhiex xi ħsara volontarja fis-sens kif jitlob l-artikolu 325 tal Kapitolu 9. Dan joħroġ ċar mid- disponibbiltà u mill intervent tal-imputata, li ġurnata, jew fl-għar ipotesi, jumejn wara sewwiet il-ħsara.

<u>Danni dwar ċarċir ta' ilma mal-ħajt tal-bitħa interna u skular ta' drenaġġ</u>

Il-Qorti se tikkonsidra issa d-dannu li seta' ġie kkawżat mill-ilma li ċarċar mal ħajt tal-bitħa interna, li fil-parti tas-sular t'isfel jagħti għal-appartament tal-partijiet lesa. Ix-xhud Maria Aquilina b'referenza għar-ritratti msemmija hawn fuq, tgħid li kienet inbidlet il-katusa u ma twaħħlitx sew, u kienet għamlet ħafna xita u l-ilma minn fuq il-bejt beda jċarċar mal-ħajt. Dan l-istess ċarċir ix-xhud Angelo Aquilina kien irrefera għalih bħala drenaġġ, biss Maria Aquilina ma ssemmix li dan kien drenaġġ, iżda ilma tax-xita. Skont Maria Aquilina il-kwistjoni tad-drenaġġ inqalgħet meta fl-2019 kien far id-drenaġġ fil-bitħa tagħhom. Kunsiderazzjonijiet dwar il-kwistjoni tad-drenaġġ jiġu trattati minn din il-Qorti aktar l-isfel. Il-Qorti tqis li l-verżjoni ta' Maria Aquilina hija aktar preċiża u se timxi magħha. Il-prosekuzzjoni imbagħad naqset milli ġġib xi prova li dan l-ilma ikkawża xi dannu.

Bl-istess mod, dwar il-kwistjoni msemmija minn Maria Aquilina ta' meta far id-drenaġġ, ma nġiebet l-ebda prova dwar id-danni kkawżati, barra mill fatt li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx li d-drenaġġ far kawża ta' xi ħaġa li għamlet l-imputata. Kieku l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dan il-fatt, dan seta jinkwadra fit-tieni imputazzjoni.

Għaldaqstant kemm dwar il kwistjoni taċ-ċarċir tal-ilma mal ħajt tal-bitħa nterna, kif ukoll dwar il-kwistjoni meta far id-drenaġġ, għar-raġunijiet kif imfissra hawn fuq il-Qorti mhix se ssib l-imputat ħatja dwar it-tieni imputazzjoni.

Danni dwar skular ta' ilma fit-triq

Ix-xhud Angelo Aquilina jsostni ukoll li kienu messew it-tank tal-ilma tagħhom u kien anki skula l-ilma barra t-triq (ara ritratti folio 108 sa 110). Mistoqsi in kontro eżami jekk l-imputata ħallsitx xi kumpens għal xi nuqqasijiet li kien hemm, u ikkonfrontat b'żewġ dokumenti (folio 121 u 122), ix-xhud jikkonferma li tħallsu tliet mitt ewro (€300) bħala kumpens għall-ilma li kien illikja. Waqt ix-xhieda tagħha Maria Aquilina tikkonferma ukoll li s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) kienet tħallset bħala kumpens tal-ilma li kien inħela meta inqalaw it-tankijiet u tħalla l-ilma tagħhom ħiereġ barra t-triq. Justin Aquilina waqt ix-xhieda tiegħu jeżebixxi ritratt immarkat bħala 14a (folio 227) dwar l-ilma li hu jikkonferma li kien ħareġ mil-provvista ta' ilma tagħhom, liema ritratt jindika d-data tat-3 ta' Ottubru 2019. Peress li l-imputata ħallset għad-dannu dwar l-ilma li nħela, u anke peress li ma ġiex ippruvat li kien hemm xi dolo f'din il-ġrajja tal-iskular tal-ilma, din il-Qorti mhix se tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-ġrajja għal dak li għandu x'jaqsam ma danni, peress li ma tqisx li d-dannu volontarju msemmi fit-tieni imputazzjoni ġie ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi.

Danni fis-solar water heater

Kif diġa ngħad hawn fuq, Angelo Aquilina jsostni wkoll illi l-imputata jew il-ħaddiema tagħha qalaw is-solar water heater qabel bdew ix-xogħlijiet u għamlu xi ħsarat fl-istess water heater. Biss Maria Aquilina waqt ix-xhieda tagħha tikkonferma li huma kienu ikkoperaw mal-imputata u kienu huma stess li skonnettjaw is-solar water heater. Il-Qorti tqis li Charles Muscat jikkonferma li kien ressaq is-solar water heater u t-tankijiet tal-ilma hu, u li qatt ma kellu lmenti. Jikkonferma fil-fatt li s-solar water heater kien diġà disconnected meta huwa ressqu. Il-Qorti tqis li ma nġiebux provi sal grad rikjest mil-liġi dwar l-allegat ħsarat fuq is-solar water heater. Il-fatt li dan ma tqabbadx lura ma jfissirx li s-solar water heater ġarrab ħsarat. Il-Qorti ma tqisx li dan d-dannu ġie ppruvat sal grad rikjest mil-liġi u mhix se tikkunsidraħ ulterjorment fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

Danni dwar briks li waqgħu fil-bitħa nterna u msiemer mal-ħajt

Il-partijiet leża Aquilina jilmentaw illi waqa' xi briks fil-bitħa interna tagħhom. Dan tikkonfermah ix-xhud Maria Aquilina bil-ġurament (ara ritratt folio 96). Skont l-affidavit tas-Surġent tal-Pulizija bin-numru WPS 256 L. Sant, Maria Aquilina lmentat ukoll dwar ħsara li saret mill-imputata meta waħħlet xi msiemer mal-ħajt tal-appartament tagħha, u dan mingħajr il-permess tagħha. Il-prosekuzzjoni pero ma ġġib l-ebda prova dwar ħsara fil-faċċata. Issa fir-rigward ta' dawn iż-żewġ istanzi, il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni naqset milli ġġib il-prova dwar il-ħsara ikkaġunata. Għalhekk ma tistgħax issib ħtija fl-imputata dwar danni f' dawn iż-żewġ istanzi.

Danni ikkawżati fil-bankina

Jilmentaw wkoll l-istess konjuġi Aquilina li l-imputata kienet ġabet crane u anke kissret il-bankina ta' quddiem id-dar tagħhom. Dwar dan ġew preżentati ritratti (folio 102 sa 107). Il-Qorti tinnota li mir-ritratti folio 103 u 104, is-saqajn tal-krejn serrħu fuq l-injam, u lill hinn minn fejn jidher li hemm xi tkissir fil-konkrit tal-bankina. L-istess ħaġa tidher fir-ritratti folio 224 u 226. Il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-ħsarat li skont Angelo Aquilina kienu sussegwentement tranġaw mill-kunsill lokali, ġew ikkawżati mill-imputata. Il-Qorti tqis li kieku saret din il-prova allura seta' kien hemm responsabbiltà kriminali skont it-tieni u tielet proviso tal-artikolu 325(1), biss fin-nuqqas ta' din il-prova, l-imputata ma tistgħax tinstab ħatja ta ħsara volontarja taħt l-imsemmi artikolu 325(1).

Danni dwar kunsenturi

Il-perit Simeron Sant ex-parte mqabbad mill partijiet leża għamel spezzjoni fis-sit in kwistjoni, ossia f' Shalom' No. 61, 'Lowndes ' Court, Triq Nazju Ellul, Gżira fl-2024 u fl-1 ta' Marzu 2024 ippreżenta relazzjoni (folio 258 sa 264). Minn eżami ta' dan ir-rapport jirriżulta li l-espert jidentifika numru ta' ħsarat fil-faċċata li huwa jattribwixxi għal-iżvilupp li sar mill-imputata bejn l-2017 u l-2019 f'din il-blokka. Huwa jattribwixxi dawn il-ħsarat għal *'high loads created, have had an adverse effect to the*

*structural soundness of the party (common) party wall 'appoġġ' as well as the facade wall below'*. Jidentifika ħsarat ukoll fl-appartament tal-konjuġi Aquilina konsistenti fi *'cracks'* u *'settlement'*.

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rapport tal-Perit Christian Spiteri tal-11 ta' Lulju 2017, jiġifieri eżatt qabel sar l-iżvilupp mill-imputata fuq l-istess sit msemmi preċedentement. Minn dan ir-rapport ma jirriżultawx li l-ħsarat identifikati mill-perit Simeron Sant wara x-xogħlijiet kienu preżenti.

Rigward il-ħsarat imsemmija la l-perit Simeron Sant ma jindika x'kienu l-ħsarat u l-prosekuzzjoni ma ġġibx prova dwar l-ammont ta' dawn il-ħsarat. Fin-nuqqas ta' din il-prova il-Qorti tqis li hija tista ssib ħtija biss skont l-artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-Qorti għaldaqstant tqis li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din l-imputazzjoni abbażi tal-artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sal-grad rikjest mil-Liġi, u se tkun qed issib l-imputata ħatja dwaru.**

## C. Deċide

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 85(1), u 325(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputata Natasha Zammit, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 254891M ħatja tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni, jiġifieri tal-ħsara li ma tiskorrix it-tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29), u tikkundannha għal piena kumplessiva ta' ħames mitt ewro (€500).

Inoltre tordnalha sabiex fi żmien tlett ġimgħat mil-lum timblokka l-aċċess tat-twieqi mertu ta' dawn il-proċeduri b'tali mod li persuna jew persuni ma jkunux jistgħu iħarsu l-isfel lejn il-bitħa interna tal-partijiet leża, u dan b'mod permanenti, u dana soġġett għal penali ta' għaxar ewro (€10) kulljum wara l-iskadenza tal-perjodu hawn imsemmi sakemm tiġi esegwita din l-ordni. Dan għandu jsir taħt is-sorveljanza tal-perit arkitett Dr. Robert Musumeċi li għandu permezz ta' nota preżentata fl-atti proċesswali jiċċertifika li x-xogħolijiet saru.

L-ispejjeż tal-perit maħtur permezz ta' din is-sentenza għandhom, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitħallsu mill-imputata skont it-taxxa uffiċjali maħruġa mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Inoltre il-Qorti qiegħda tagħmel ukoll ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-imputata għal fini ta' protezzjoni ta' Maria Aquilina, Justin Aquilina, u Angelo Aquilina, skont ma jirriżulta mid-digriet mogħti kontestwalment ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lill-perit arkitett Dr. Robert Musumeċi, kif ukoll il komunika tas-sentenza u tal-Ordni ta' Protezzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija. Tordna ukoll in-notifika tal-Ordni ta' Protezzjoni lill-partijiet protetti.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**
**Josanne Gauci**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**

**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**ORDNI TA' PROTEZZJONI**
**(ai termini tal-artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)**

**SEDUTA TAD-DISTRETT TAS-SLIEMA**

**Illum 18 ta' Diċembru 2024**

**IL-PULIZIJA**

**--vs--**

**Natasha Zammit**

(Detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 254891M)

**Il-Qorti:-**

Qegħda tqis li jkun espedjenti li bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà ta' Maria Aquilina, Justin Aquilina, u Angelo Aquilina, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta taħt il-kundizzjonijiet t'hawn taħt:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum;
2. Il-ħatja qed tiġi pprojibita milli tikkuntattja direttament jew indirettament jew timmolesta lill-Maria Aquilina, Justin Aquilina, u Angelo Aquilina;
3. Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-ħatja tikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqa f'din l-Ordni hija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li hija tikser xi kundizzjoni ta' din l-Ordni.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Kevan Azzopardi** | **Josanne Gauci** | **Natasha Zammit** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** | **KI: 254891M** |